MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2009

Talba Numru. 580/2008

Allied Newspapers Limited (C 308).

Vs

Chris Micallef

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob illi l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' erbat elef, mitejn u sitta u erbghin ewro u hamsa u sebghin centezmu (€4,246.75), rapprezentanti prezz ta' servizzi rezi mis-socjeta' attrici fuq ordnijiet tal-konvenut. Illi dan l-ammont huwa cert, likwidu u dovut u l-konvenut naqas li jhallas is-socjeta' attrici minghajr ebda raguni valida fil-ligi u dan nonostante diversi interpellazzjonijiet ghall-hlas. Bl-ispejjes inkluz tal-ittra interpellatorja datata 18 ta' April 2007 u tal-ittra ufficjali numru 653/08, u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra n-nota tas-socjeta' attrici li permezz taghha hija rriduciet it-talba taghha ghal tlett elef, erba mija u hamsa u tletin Ewro u tlieta u erbghin centezmu (€3,435.43).

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba, u jikkundanna l-konvenut ihallas is-somma ta' tlett elef, erba mija u hamsa u tletin Ewro u tlieta u erbghin centezmu (€3,435.43), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha tal-kawza kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**Av. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------